



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 107/11
Il-Lussemburgo, 7 ta' Ottubru 2011

Stampa u Informazzjoni

S. Van Raepenbusch ġie elett President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea

Wara t-tiġidid parpjali tal-membri tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea¹, Sean Van Raepenbusch imħallef fit-tribunal sa mis-6 ta' Ottubru 2005, ġie elett President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea għal perijodu mis-7 ta' Ottubru 2011 sat-30 ta' Settembru 2014.

Skont I-Artikolu 4 tal-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imħallfin tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għandhom jaħtru minn fosthom, il-president tat-tribunal għal perijodu ta' liet snin. Il-mandat tiegħu jista' jiġi qedded.

Sean Van Raepenbusch

Imwied fl-1956; gradwat fid-drift (Université libre ta' Brussel, 1979); lawrea speċjali fid-Dritt Internazzjonali (Brussel, 1980); Dottorat fid-drift (1989); responsabbi mis-servizz legali tas-Société anonyme du canal et des installations maritimes ta' Brussel (1979-1984); Ufficijal mal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (Direttorat Ġenerali tal-Affarijiet Soċjali, 1984-1988); Membru tas-servizz legali tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1988-1994); Référendaire mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1994-2005); Lecturer fī-Ċentru universitarju ta' Charleroi (Dritt Soċjali Internazzjonali u Ewropew, 1989-1991); fl-Università ta' Mons-Hainaut (Dritt Ewropew, 1991-1997), fl-Università ta' Liège (Dritt tas-Servizz Pubbliku Ewropew, 1989-1991; Dritt Istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, 1995-2005; Dritt Soċjali Ewropew, 2004-2005); diversi publikazzjonijiet fil-qasam tad-Dritt Soċjali Ewropew u tad-Dritt Kostituzzjonali tal-Unjoni Ewropea; Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-6 ta' Ottubru 2005; President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-7 ta' Ottubru 2011.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell (+352) 4303 3355

¹ [Ara l-istqarrija għall-istampa Nru 106/11.](#)